MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 826/2007

**Atlas Micro Limited (C25054)**
**Vs**
**Gaultiero Lodi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Lulju, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' tmintax-il elf disa mija u tlieta Euro u erbatax-il centezmu euro (€18,903.14) ekwivalenti ghal tmien t'elef wiehed u hmistax-il Lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm8,115.12) rapprezentanti prezz ta' merkanzija inkluz oggetti ghall-magni fotokopjaturi mibjugha u konsenjati lilu mill-istess socjeta attrici u dana kif jirrizulta mill-annessi fatturi markati rispettivament Dok. 'AM 1" Dok. 'AM2', Dok. 'AM3', Dok. 'AM4' u Dok. 'AM5';

Illi l-konvenut minkejja li gie ripetutament interpellat mis-socjeta esponenti sabiex ihallas l-ammont dovut, naqas milli jaghmel hekk u baqa inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u fil-fehma tas-socjeta attrici, il-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikkabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civil;

Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;

Raguni tat-Talba

Illi kif gja premess il-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma
ta' tmintax-il elf disa mija u tlieta Euro u erbatax-il centezmu euro (€18,903.14) ekwivalenti ghal tmien t'elef wiehed u hmistax-il Lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm8,115.12) rapprezentanti prezz ta' merkanzija inkluz oggetti ghall-magni fotokopjaturi mibjugha u konsenjati lilu mill-istess socjeta attrici u minkejja li l-konvenut giet ripetutament interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghal dan, huwa baqa' inadempjenti;

Ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Talbiet

Talab ghalhekk ghar-ragunijiet premessi l-konvenut ighid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex previa li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundana l-konvenut ihallas l-ammont ta' tmintax-il elf disa mija u tlieta Euro u erbatax-il centezmu euro (£18,903.14) ekwivalenti
ghal tmien t'elef wiehed u hmistax-il Lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm8,115.12) liema ammont jirraprezenta prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mill-istess socjeta attrici;

Bl-ispejjez, oltre l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut Ii huwa minn
issa stess ngunt ghas-subizzjoni taghha;

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Awissu, 2007 li permezz tieghu iddikjarat illi l-kawza ma setghetx tinstema bid-dispensa tas-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Kap 12 u ordnat illi l-kawza issir fil-kors normali taghha u pprefiggiet lill-konvenut t-terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata biex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqa kontumaci;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Awissu 2007;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Farrugia ghas-socjeta’ attrici fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2008 jiddikjara illi s-socjeta’ attrici baqghet ma thallset xejn minn mindu giet ipprezentata l-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba attrici u tilqa’ it-tieni talba attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tmintax-il elf disa mija u tlieta Euro u erbatax-il centezmu euro (€18,903.14) ekwivalenti

ghal tmien t'elef wiehed u hmistax-il Lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm8,115.12) dovuta kif inghad; bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------